MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 626/2012

**Davaci Operations Limited (C37508)**
**(fi procedura ta` stralc)**

***kontra***

X

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tal-istralcjarju Rueben Mifsud tad-19 ta` Gunju 2012 ;

Rat l-Art.275 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta ;

Billi l-pubblikazzjoni tal-avviz mir-Registratur tal-Kumpanniji saret fil-11 ta` April 2012 ;

Billi r-rikors tal-lum kien ipprezentat *entro* t-terminu ta` tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi avviz ;

Billi l-Qorti hija sodisfatta li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex twettaq dak illi jghid il-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Art.275 ;

Qieset l-ghamla ta` investigazzjoni li jrid jaghmel l-istralcjarju abbazi tat-taghrif illi kiseb u li ghalih jaghmel riferenza fir-rikors ;

**Tilqa` t-talba u tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jiddifferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpannija Davaci Operations Limited (C37508) ghandu jithassar mir-registru ghal nhar l-Erbgha 31 ta` Ottubru 2012.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jibghat kopja ta` din l-ordni lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------